MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 592/2009/1

**L-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta u b'digriet tas-26 ta' Jannar 2010 l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta assumiet l-atti ta' din il-kawza minflok l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta**

**v.**

**(i) L-Avukat Generali; (ii) Id-Direttur tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni Gusta; u (iii) Marianna Spiteri; (iv) Alfred Spiteri; (v) Joseph Spiteri; (vi) Karen mizzewga Camilleri; (vii) Garden of Eden Garage Limited ghal kull interess li jista’ jkollhom.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-Awtorita` attrici pprezentat fis-17 ta’ Gunju 2009, li jaqra hekk:

> “Fis-6 ta’ Ġunju 2006 id-Direttur ta’ l-Uffiċju tal-Kompetizzjoni Ġusta (“id-Direttur”) irċieva ilment mingħand Marianna Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri u Karen miżżewga Camilleri, ilkoll eredi ta’ Angelo Spiteri, kontra l-Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta (“l-Awtorità”) li permezz tiegħu ġie allegat li ċertu aġir ta’ l-Awtorità kien jikkostitwixxi ksur ta’ l-Artikolu 9(2)(e) tal-Kap 379 tal-Liġijiet ta’ Malta;

> “L-istess Direttur, fit-3 ta’ Awissu 2006, ħa deċiżjoni fis-sens illi l-Kap 379 ma setax japplika fil-konfront ta’ l-Awtorità billi din l-Awtorità mhix intrapriża li għaliha japplika l-Artikolu 9 tal-Kap 379, u għaldaqstant iddikjara li ma setax jieħu konjizzjoni ta’ l-istess ilment billi dan l-ilment kien inammissibbli *ai termini* ta’ l-Artikolu 14(1) tal-Kap 379;

> “Wara din id-deċiżjoni tad-Direttur, Marianna Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri u Karen miżżewga Camilleri talbu li din id-deċiżjoni tiġi riveduta mill-Kumissjoni Ghall-Kummerċ Ġust stabbilit mill-Kap. 379 tal-Liġijiet ta’ Malta (“il-Kummissjoni”);

> “Permezz ta’ deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda fil-15 ta’ Ottubru 2008 l-istess Kummissjoni ddeċidiet in effett illi l-Awtorità hija intrapriża ai termini ta’ l-Artikolu 379 tal-Liġijiet ta’ Malta u iddeċidiet is-segwenti:

> *""Għaldaqstant din il-Kummissjoni filwaqt li tirrespinġi t-tweġibiet ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u d-deċiżjoni tad-Direttur fuq indikati, takkolji l-lanjanzi ta' Marianna Spiteri, armla ta' Angelo Spiteri, Afred Spiteri, Joseph Spiteri u Karen miżżewga Camilleri u konsegwentement tiddikjara li l-aġir ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fir-rigward tal-lanjanti kif fuq elenkat imur kontra l-artikolu 9(1)(2)(e) tal-Kap 379."*

"Il-Kap 379 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix għal-dritt ta' appell mid-deċiżjoni fuq riferita tal-Kummissjoni;

"Nonostante dan huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin illi deċiżjoni ta' tribunal, anki fl-assenza ta' rimedju statutorju, tista' jiġi impunjata meta din id-deċiżjoni tkun ittieħdet bi ksur tar-regoli tal-ġustizzja naturali, jew meta jiġi stabbilit li dak it-tribunal ikun aġixxa *ultra vires* jew id-deċiżjoni tat-tribunal tikkontjeni enunċjazzjoni ħażina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi;

"Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2008 tikkontjeni enunċjazzjoni ħażina u/jew inkompleta tal-liġi, li tikkonsisti fis-segwenti;

"L-Artikolu 9 tal-Kap 379 tal-Liġijiet ta' Malta jissanzjona aġir abusiv ta' <u>intrapriżi</u> dominanti;

"Illi l-kelma "intrapriża" hija definita mill-Kap 379 li

> *""… … tfisser kull persuna sew jekk tkun individwu, korp magħqud jew mhux magħqud jew kull enti oħra, bi skop ta' xi,* ***<u>attività ekonomika</u>*** *u tinkludi grupp ta' intrapriżi"* (emfażi miżjuda)

"Din id-definizzjoni tirrispekkja ġurisprudenza tal-Qrati ta' l-Unjoni Ewropea fuq din il-materja;

"Ir-Regola numru 13 ta' l-iskeda annessa mal-Kap 379 tipprovdi illi

*““Fl-interpretazzjoni ta’ dan l-Att, il-Kummissjoni tista’ tirrikorri għad-deċiżjonijiet preċedenti tagħha, deċiżjonijiet tal-Qorti ta’ Prim’Istanza u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea. Hija għandha wkoll tirrikorri għad-deċiżjonijiet u dikjarazzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea inklużi avviżi interpretattivi fuq id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE u leġislazzjoni sussidjarja relattiva għall-kompetizzjoni.”*

“Huwa prinċipju ben stabbilit fid-deċiżjonijiet kemm tal-Qrati ta’ l-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Kummissjoni Ewropea illi kunċett ta’ “intrapriża” jikkonprendi kull entita` li hija involuta f’attivita` ekonomika irrispettivament mill-*istatus* ta’ dik l-entita` kif ukoll il-mod kif tkun finanżjata. Addizzjonalment, huwa ugwalment ben stabbilit illi l-Artikolu 82 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea (li huwa sostanzjalment identiku ghall-Artikolu 9 tal-Kap 379) ma japplikax għall-attivitajiet li, minn natura tagħhom, l-għanjiet tagħhom, u r-regoli li għalihom huma soġġetti, ma jaqawx fil-parametri ta’ “attivita` ekonomika” jew li huma konnessi ma’ l-eserċizzju tal-poteri ta’ awtorita` pubblika;

“Hu paċifiku fil-ġurisprudenza fil-Qrati ta’ l-Unjoni Ewropea illi awtorità pubblika tista’ tkun meqjusa li hija intrapriża – u għalhekk soġġetta għar-regoli dwar il-kompetizzjoni – meta teżerċità attività ekonomika. Pero` huwa ugwalment paċifiku illi aġir ta’ awtorità pubblika, meta dan l-aġir ikun konness ma’ l-eżerċizzju ta’ dik l-awtorità pubblika tal-poteri pubbliċi tagħha, mhuwiex sindakabbli ai termini ta’ l-artikolu 82 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea u, in kwantu awtorità tezercità dawk il-funzjonijiet, ma tistax tiġi meqjusa li hija intrapriża;

“L-Awtorità għandha varji funzjonijiet pubbliċi, mogħtija lilha mill-Artikolu 4(1) tal-Kap 332 fosthom:

*““(d) li tagħmel dak kollu meħtieg jew spedjenti għall-ittestjar, reġistrazzjoni u liċenzjar ta’ vetturi bil-mutur u s-sewwieqa tagħhom;*

*“(e) li tagħmel dak kollu li jista’ jkun meħtieġ għar-regolament, maniġġar, sigurezza u kontroll tat-traffiku fit-triq u t-trasport ta’ persuni u oġġetti”*

“Sabiex twettaq dawn il-funzjonijiet pubbliċi l-Awtorità għandha s-saħħa, skond l-Artikolu 4(3) tal-Kap 332 li:

> *““(a) tagħti, iġġedded, tirrifjuta, tissopsendi jew tirrevoka liċenzja skond artikolu 34 u regolamenti li jsiru taħt dan l-Att u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom dik il-liċenzja tista’ tingħata u d-drittijiet li għandhom jitħallsu għall-għoti ta’ dik il-liċenzja;”*

“Dawn il-funzjonijiet huma palesament ta’ natura pubblika u ma jikkostitwux “attività ekonomika”, u għaldaqstant meta l-Awtorità teżerċità dawn il-funzjonijiet hija ma tistax titqies li hija intrapriża u, konsegwentement, ma tkunx soġġetta għad-disposizzjonijiet tal-Kap 379, inkluż l-Artikolu 9;

“Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni in effett tiddeċiedi illi n-nuqqas ta’ l-Awtorità illi hija tilliċenzja xi vetturi – nonostante illi l-liċenzjar ta’ vettur huwa funzjoni pubblika u ma jikkostitwix attività ekonomika – jikkostitwixxi aġir bi ksur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap 379 tal-Liġijiet ta’ Malta;

“Għaldaqstant din id-deċiżjoni hija bbażata fuq enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi in kwantu l-Kummissjoni applikat l-Artikolu 9 tal-Kap 379 biex tissanzjona aġir ta’ awtorità pubblika li, billi dan l-aġir jikkostitwixxi l-eserċitazzjoni ta’ funzjoni pubblika, ma tistax tiġi meqjusa li hija intrapriża;

“Addizjonalment, din l-enunċjazzjoni ħażina tal-liġi *in effetti* żgwidat lil Kummissjoni sabiex din tieħu deċiżjoni li hija *ultra vires* il-poteri mogħtija lilha mill-Kap 379 tal-Liġijiet ta’ Malta, in kwantu l-istess Kummissjoni ħadet deċiżjoni fil-konfront ta’ awtorità illi – fiċ-ċirkustanzi in kwistjoni – ma taqax taħt id-definizzjoni ta’ “intrapriża” u għaldaqstant l-aġir in kwistjoni ta’ l-Awtorità mhuwiex sindakabbli ai termini tal-Kap 379;

“Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

> “1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Kummissjoni ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tagħti d-deċiżjoni li tat fil-15 ta’ Ottubru 2008, u/jew li l-istess deċiżjoni kienet ibbażata fuq żball evidenti tal-liġi li jirriżulta mid-deċiżjoni;

"2. Tiddikjara konsegwentement nulla u inattendibbli d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq riferita.

"Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Marianna Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri, Karen Camilleri u s-socjeta` Garden of Eden Garage Ltd li in forza taghha eccepew illi:

"1. ILLI fl-ewwel lok u preliminarjament, ghandu jirrizulta li l-Awtorita' rikorrenti m'ghandhiex l-interess guridiku mehtieg sabiex tesperixxi din l-azzjoni, u dan in kwantu *dato ma non concesso* li t-talbiet taghha jigu akkolti, hija mhux ser tiehu l-ebda utilita' guridika b'konsegwenza, galadarba hija ormai ottemporat ruhha ma' l-ordni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust u rrimedjat ghall-lanjanzi ta' l-eccipjenti;

"2. ILLI fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-Awtorita' rikorrenti akkwixxjiet ghall-gurisdizzjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust billi rrimedjat ghall-lanjanzi ta' l-esponenti kif akkolti permezz tad-decizjoni impunjata, u di piu' irtirat kull procedura jew azzjoni minnha ntavolata ghall-opposizzjoni ta' l-enfurzar tas-sentenza *de quo* moghtija mill-Kummissjoni tal-Kummerc Gust, rigwardanti ta' l-ordni ta' waqfien u ebda tkomplija mahruga mid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta ai termini ta' l-Artikolu 13 tal-Kap.379, u ghalhekk konsegwentement din l-azzjoni hija nieqsa minn fondament guridiku;

"3. ILLI fit-tielet lok, u minghajr hsara ghall-premess, huwa risaput illi t-tifsira tat-terminu 'intrapriza' tinkludi kwalsiasi entita' li tkun involuta f'attivitajiet ta' natura ekonomika, irrispettivament jekk tali attivita' twassalx ghal holqien ta' qliegh jew le;

"4. ILLI fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa dottrinalment ricevut kemm mill-Qrati Ewropej u kemm mit-Tribunali kompetenti nostrana, li t-terminu 'intrapriza' ghandu jinghata interpretazzjoni estensiva, u mhux ristretta, kif qed tippretendi l-Awtorita' rikorrenti;

“5. ILLI fil-hames lok, u bla pregudizzju ghall-premess, id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Kompetizzjoni huma lkoll applikabbli ghall-Awtorita’ rikorrenti, u dan a tenur ta’ l-Artikolu 30 ta’ l-istess imsemmi Att;

“6. ILLI fis-sitt lok, u minghajr hsara ghas-suespost, l-Awtorita’ rikorrenti bl-agir taghha impediet, ostakolat u razznet il-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi rilevanti, tant illi tali agir ikkostitwixxa attivita’ ekonomika b’konsegwenzi ekonomici, u b’hekk irrendiet ruhha sindakabbli mill-Kummissjoni tal-Kummerc Gust;

“7. ILLI fis-seba’ lok, u minghajr hsara ghall-premess, l-azzjoni odjerna fl-ebda cirkostanza ma tista’ twassal ghal rievalwazzjoni tal-mertu tal-proceduri li taw lok ghad-decizjoni li qed tigi prezentement impunjata;

“8. ILLI fit-tmien lok, u bla pregudizzju ghas-sueccepit, fi kwalunkwe kaz id-decizjoni impunjata ghandha tibqa’ bla mittiefsa.

“Salv kull eccezzjoni ohra skond il-ligi.

“Bl-ispejjez kontra l-Awtorita’ rikorrenti, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Generali, id-Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta u Mireille Vella fil-kwalita` taghha ta’ Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta li in forza taghha eccepew illi:

“Illi l-esponenti, Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta, jissottometti illi huwa mhux l-legitimu kuntradittur ghat-talbiet kif intavolati f’dan r-rikors u minhabba f’hekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi hi qatt ma hadet d-decizjoni li qed tkun mpunjata mill-Awtorita rikorrenti, peress illi d-decizjoni msemmija ttiehdet biss mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust li

> huwa organu gudizzjarju li fl-operat tieghu huwa awtonomu u ndipendenti mill-esponenti, Direttur tal-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta;

> "Illi, minghajr pregudizzju, stante illi dan ir-rikors jittratta primarjament interpretazzjoni ta' punt ta' ligi, u cioe' dwar jekk l-Awtorita rikorrenti ghandhiex titqies bhala 'intrapriza', l-esponenti jhossu li ghandhom jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;"

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Marianna Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri, Karen Camilleri u s-socjeta` Garden of Eden Garage Ltd, li in forza taghha eccepew illi:

> "1. Illi bla hsara ghal kull eccezzjoni ohra, l-azzjoni esperita mill-Awtorita' rikorrenti hija preskritta stante t-terminu preskrittiv semestrali;

> "2. Illi minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi eccezzjoni ohra, l-azzjoni odjerna hija perenta;"

Rat illi bi qbil bejn il-partijiet, l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi fl-ewwel lok fuq l-eccezzjonijiet ulterjuri kif sollevati mill-imsemmija konvenuti;

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 2011 li in forza taghha ddecidiet il-punt li kellha quddiemha billi:

> "… … tilqa l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Marianna Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri, Karen mizzewga Camilleri u Garden of Eden Garage Limited u

tiddikjara illi l-azzjoni esperita mill-Awtorita attrici hija preskritta u perenta u konsegwentement qeghda tichad it-talbiet kollha attrici; bl-ispejjez kontra l-awtorita attrici.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi xehed Alfred Spiteri, il-konvenut u dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, kif ukoll dwar l-eccezzjonijiet sollevati permezz tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti huwa xehed illi permezz ta’ decizjoni moghtija fil-15 ta’ Ottubru 2008 mill-Kummissjoni tal-Kummerc Gust, gie dikjarat illi l-agir ta’ l-awtorita attrici fil-konfront tieghu u tal-konvenuti l-ohrajn kien imur kontra l-Artikolu 9 (1), 9 (2) (e) tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-awtorita attrici kienet accettat din id-decizjoni u accettat li tirregistra u tillicenzja il-vetturi li dwarhom kienu saru il-proceduri quddiem il-Kummissjoni tal-Kummerc Gust, liema vetturi l-Awtorita’ kienet konsistentement irrifjutat li tirregistra u tillicenzja qabel ma inghatat id-decizjoni mill-Kummissjoni tal-Kummerc Gust.

“Illi in segwitu ta’ dan kollu huwa kien importa tmien vetturi ohrajn tat-tip xarabanks miftuhin u applika ma l-awtorita attrici biex jigu registrati u licenzjati, izda l-awtorita irrifjutat li tipprocessa dawn l-applikazzjonijiet. Kien ghalhekk illi kien ipprezenta ilment mal-ufficju ghall-Kompetizzjoni Gusta u dan l-ufficju kien agixxa permezz ta’ ordni ta’ waqfien u ebda tkomplija ai termini ta’ l-Artikolu 13 tal-Kap. 379 fil-konfront tal-Awtorita attrici u dan sabiex tottempora ruhha mad-decizjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Ottubru 2008. Li minkejja il-fatt li l-Awtorita kienet talbet illi d-decizjoni ta’ l-Ufficju Ghall-Kompetizzjoni Gusta ghall-hrug ta’ ordni ta’ waqfien u ebda tkomplija tigi mistharrga mill-Kummissjoni tal-Kummerc Gust, hija kienet irtirat din it-talba fil-15 ta’ Gunju, 2009. Alfred Spiteri kompla jixhed illi illum it-tlett xarabanks miftuhin qeghdin joperaw fis-suq relattiv, peress li huma debitament registrati u licenzjati ma l-awtorita attrici, u l-awtorita accettat ukoll illi il-hlas ta’ erbgha u sebghin elf ewro (€74,000) in konnessjoni ma dawn it-tlett vetturi, illi kienu l-istess tlett vetturi li kienet irrifjutat li tirregistra u tillicenzja qabel ma inghatat id-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust fil-15 ta’ Ottubru, 2008.

“Illi xehed Vince Micallef Pule ghall-awtorita attrici. Huwa qal illi qabel ma inghatat id-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust fil-15 ta’ Ottubru 2008, l-awtorita attrici dejjem aggixxiet a bazi tal-fehma li m’ihiex intrapriza skond l-Att

dwar il-Kompetizzjoni, u li tkun qeghda twettaq funzjonijiet pubblici moghtija lilha mill-ligi meta tkun qeghda tikkunsidra applikazzjonjiet ghall-hrug ta’ licenzji. Huwa qal illi d-decizjoni tal- Kummissjoni tal-Kummerc Gust sabet illi l-awtorita attrici kisret id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Kompetizzjoni specifikament l-Artiklu 9 li jirregola l-intraprizi, u ikkonkludiet illi l-Awtorita attrici hija intrapriza skond l-istess Att, izda qal illi l-opinjoni ta’ l-Awtorita attrici hija li din id-decizjoni hija zbaljata peress illi jidhrilha li l-Awtorita attrici mhijiex intrapriza meta tkun qeghda tipprocessa applikazzjonijiet ghall-licenzjar ta’ vetturi u meta tkun qeghda tillicenzja jew tirregistra vetturi. Dana peress illi ma tkunx qeghda tezercita attivita ekonomika, izda tkun qeghda twettaq funzjonijiet pubblici moghtija lilha mill-Ligi. Huwa xehed illi l-Awtorita attrici kienet inghatat parir li d-decizjoni moghtija mill- Kummissjoni tal-Kummerc Gust ma setghetx tigi appellata u ghalhekk, minkejja il-fatt li l-Awtorita attrici ma qablitx ma din id-decizjoni, kellha l-obbligu u d-dmir li tobdi dik id-decizjoni u tillicenzja u tirregistra l-vetturi li dwarhom saru dawk il-proceduri. Izda peress li l-Awtorita attrici dehrilha li d-decizjoni kienet zbaljata riedet tikklarifika il-posizzjoni taghha fir-rigward ta’ liema ligijiet japplikaw ghaliha meta tkun qeghda taqdi il-funzjonijiet pubblici taghha u tikkunsidra applikazzjonijiet ta’ terzi ghall-hrug ta’ licenzji, intavolat il-proceduri odjerni, illi permezz taghhom qeghda titlob illi d-decizjoni tal- Kummissjoni tal-Kummerc Gust hija zbaljata u ghandha tigi riveduta. Ix-xhud kompla jghid illi l-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta kien ha id-decizjoni illi l-Awtorita attrici kellha tillicenzja tmien vetturi “open top buses” ohra illi Alfred Spiteri kien importa, izda l-Awtorita kienet talbet li din id-decizjoni tigi mistharga mill- Kummissjoni tal-Kummerc Gust u kienet sussegwentement irtirat din it-talba peress illi l-kwistjoni giet sorvolata meta giet introdotta il-Ligi gdida li kienet tirregola il-licenzjar ta’ “open top buses”. Huwa xehed illi l-konvenuti Joseph u Alfred Spiteri intavolaw proceduri ohrajn quddiem il-Qorti fejn qed jallegaw illi l-Awtorita attrici hija responsabbli ghad-danni fir-rigward ta’ tlett vetturi “open top buses” peress li kienet kisret id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Kompetizzjoni, u dana wara d-decizjoni tal- Kummissjoni tal-Kummerc Gust li kienet tirrigwarda l-istess tlett vetturi “open top buses”. Huwa xehed illi jekk din il-Qorti issib li ma kien hemm l-ebda ksur minn naha ta’ l-Awtorita attrici ta’ l-Att dwar il-Kompetizzjoni u issib li d-decizjoni tal- Kummissjoni tal-Kummerc Gust ghandha tigi annullata, l-Awtorita attrici ma tistax tinsab responsabbli ghad-danni f’dawk il-proceduri.

“Ikkunsidrat :

“

Illi Vincent Micallef Pule in kontro-ezami xehed illi l-interess ta’ l-Awtorita attrici fil-kawza odjerna huwa doppju, fl-ewwel lok sabiex ticcara il-funzjoni proprja tal-Awtorita biex peress li kien hemm decizjoni fis-sens illi l-Awtorita qdiet il-

funzjonijiet taghha bhala intrapriza huma ma jaqblux ma dik l-interpretazzjoni u jixtiequ li dan il-punt jigi iccarat, u fit-tieni lok l-interess ta' l-Awtorita attrici huwa illi minhabba li kien hemm ukoll kawza ghad-danni fir-rigward tal-licenzjar ta' tlett "open buses" mill-konvenuti xtaqu illi l-posizzjoni ta' l-Awtorita attrici tigi iccarata. Is-Sur Micallef Pule xehed illi sa fejn jaf hu meta l-Awtorita attrici tkun qeghda taqdi il-funzjonijiet pubblici taghha u tikkonsidra applikazzjonijiet ta' terzi ghall-hrug ta' licenzji, il-Ligi li tapplika hija dik dwar l-Awtorita Dwar it-Transport ta' Malta u l-Awtorita attrici f'dan ir-rigward ma tapplikax ukoll il-Ligi dwar il-kompetizzjoni gusta. Mistoqsi jekk il-Ligi dwar l-Awtorita dwar it-Transport taghmilx referenza espressa ghall-principju tal-kompetizzjoni u meta saritlu riferenza ghar-regolament numru 3 ta' l-Avviz Legali 149 ta' l-2009, ix-xhud wiegeb illi ir-regolament jaf bih izda ma jafx ezattament x'jghid l-ewwel subinciz tar-regolament numru 3 ta' l-Avviz Legali 149 ta' l-2009. Izda meta umbaghad inqratlu id-disposizzjoni relattiva, ix-xhud qabel illi meta l-Awtorita tkun qeghda tqis applikazzjoni ghall-licenzjar ta' operaturi bhala xufiera u licenzjar ta' vetturi ghall-garr tal-passigieri, ghandha tippromovi il-politika tas-suq miftugh u ma ghandhiex taghmel restrizzjonijiet fuq il-hrug ta' dawk il-licenzji u permessi, u ix-xhud qabel ukoll illi l-avviz legali in kwistjoni inhareg fid-19 ta' Mejju 2009 u ghalhekk madwar xahar qabel ma l-Awtorita attrici ipprezentat il-kawza odjerna. Ix-xhud qabel illi illum il-gurnata il-posizzjoni ta' l-Awtorita attrici fejn jidhol licenzjar u registrazzjoni ta' vetturi hija cara, izda baqa isostni illi skond il-parir legali illi ghandha l-Awtorita, l-Awtorita mhijiex intrapriza meta tkun qeghda tillicenzja u tirregistra vetturi. Ix-xhud, mistoqsi ghalfejn l-Awtorita attrici damet tmien xhur sabiex tipprezenta il-kawza odjerna minn meta inqatghet is-sentenza mill- Kummissjoni tal-Kummerc Gust, wiegeb illi dak iz-zmien l-Awtorita attrici kellha parir legali fis-sens illi dik id-decizjoni kienet inappellabbli. Izda mistoqsi ghalfejn ma gietx ipprezentata il-kawza odjerna illi dejjem setghet tigi ipprezentata, ix-xhud wiegeb illi kienu intghataw parir legali iehor, izda ma riedx jizvelah.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-konvenuti issottomettew illi l-azzjoni attrici hija preskritta u dana peress illi trid issir distinzjoni bejn l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv u bejn l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil imwettaq minn Tribunal Gudizzjarju jew kwazi gudizzjarju. Il-konvenuti isostnu illi l-Qrati taghna jirritjenu illi azzjoni ta' stharrig gudizzjarju bhalma hija dik prezenti tista tigi imsejsa biss fuq ilmenti illi d-decizjoni impunjata tkun fit-termini tal-Ligi kostituttiva ta' dak it-Tribunal, li jkunu gew osservati il-proceduri mehtiega u li l-ezercizzju tad-diskrezzjoni kien gust u onest u ghamlu referenza ghal sentenza

ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Simonds Farsons Cisk Limited vs Agent Direttur ta' l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta et moghtija fis-27 ta' Ottubru 2004.

"Illi l-konvenuti issottomettew illi din id-decizjoni u decizjonijiet ohrajn huma kollha konformi fil-principju illi din il-Qorti kif vestita bil-gurisdizzjoni biex tistharreg l-ghemil ta' tribunali amministrattivi qatt ma tista tissostitwixxi id-diskrezzjoni taghha minflok id-diskrezzjoni ta' dak it-tribunal. Altrimenti il-Qorti tkun qed tezercita funzjoni li l-ligi tkun irrizervat espressament lil awtorita' ohra u dan qatt ma ghandu isehh u dan il-principju huwa komuni wkoll fl-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv.

"Illi ghalhekk il-konvenuti isostnu illi l-azzjoni attrici odjerna, ghalkemm hija proponibbli, ma tirrizultax minn disposizzjoni espressa tal-ligi, bhalma huwa il-kaz illum ta' l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv.

"Illi l-konvenuti issottomettew illi l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju tappartjeni bla dubju ta' xejn fil-kamp tad-dritt amministrattiv. Dan in kwantu il-kwistjoni essenzjali li tigi sollevata f'azzjoni bhal dik odjerna ma hijiex ristretta ghall-isfera tad-drittijiet u obbligi reciproci tac-cittadini privati, izda ittendi sabiex tinkludi fl-isfera tal-kontroversja fiha nkorporata il-funzjoni u l-ghemil ta' korpi kostitwiti mill-Ligi u li jiffurmaw parti mill-amministrazzjoni pubblika ta' l-Istat .

"Illi il-konvenuti issottomettew illi huwa pacifiku illi l-origini tad-dirtt amministrattiv Malti huwa id-dritt amministrattiv Ingliz u ghalhekk ikkonkludew illi l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju hija imnissla mill-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ikkontemplata fid-dritt amministrattiv Ingliz.

"Illi il-konvenuti issottomettew illi l-ahjar tifsira attwali attribwita ghall-azzjoni attrici hija dik moghtija minn L. J. Atkin li jispjega l-iskop ta' dina l-azzjoni bhala ""wherever any body of persons having legal authority to determine questions affecting the rights of subjects, and having the duty to act judicially, act in excess of their legal authority, they are subject to the controlling jurisdiction of the King's Bench Division exercised on these writs" (R. v. Electricity Commissioners ex parte London Electricity Joint Committee Co (1920) Ltd, [1924] 1 K.B. 171, 205).

"Illi madanakollu il-konvenuti issottomettew illi din ta' l-ahhar tigi esperita biss qabel it-tehid ta' xi ghemil, u ghalhekk ghandha effett inibitorju. Ghalhekk

ghandu jkun cert illi dan l-attribwit ma huwiex riskontrat f'azzjoni ta' ghamla bhal dik odjerna.

"Illi il-konvenuti issottomettew ukoll illi l-azzjoni tac-"certiorari" kellha tigi imressqa fl-aqsar zmien possibbli u minghajr dewmien u irriferew ghall-ktieb "Administrative Law" ta' Wade & Forsyth (8th Edition, Oxford University Press, 2000) fejn l-awturi qalu hekk, "The rules of Court prescribed a time-limit of six months for seeking certiorari, though the court has discretion to extend it.  And even within this time limit the remedy might be refused if the application had been guilty of delay and so caused hardship to the other party" (page 636).

"Illi l-konvenuti issottomettew illi dan it-terminu ta' sitt xhur ghall-proponiment ta' azzjoni ta' stharrig gudizzjarju gie espressament imhaddan mill-legislatur taghna fil-promulgazzjoni ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 rigwardanti l-istharrig ta' ghemil amministrattiv.

"Illi l-konvenuti issottomettew illi, kif diga gie ritenut f'diversi decizjonijiet ta' l-Qrati taghna, fejn fid-dritt amministrattiv taghna tigi riskontrata lacuna bhalma hija dik in dizamina, issir riferenza ghad-dritt amministrattiv Ingliz.

"Illi l-konvenuti issottomettew ukoll, riferibbilment ghall-kaz odjern illi id-decizjoni impunjata kellha ezitu favorevoli ghall-konvenuti.  Tant hu hekk illi bis-sahha ta' dik id-decizjoni l-awtorita attrici irregistrat u illicenzjat tlett vetturi tat-tip xarabanks miftuhin li dwarhom ilu jkun hemm litigju mill-Qrati taghna sa mill-1994.  Ghalhekk, aktar u aktar sabiex tigi imhassra decizjoni bhal din u r-reintegrazzjoni konsegwenzjali tal-litis konsorti, l-azzjoni kellha tigi imressqa bi spedjenza akbar.

"Illi l-konvenuti issottomettew ukoll illi l-Awtorita attrici ma tat l-ebda raguni valida ghaliex damet tmien xhur sabiex ressqet il-kawza odjerna.

"Huma issottomettew ukoll illi jekk it-talbiet ta' l-Awtorita attrici jigu akkolti, l-Awtorita attrici mhi ser tiehu l-ebda utilita guridika b'konsegwenza galadarba hija ottemporat ruhha ma l-ordni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust u irrimidjat ghall-lanjanzi tal-konvenuti.

“Illi l-konvenuti irriferew ghall-gurisprudenza nostrana fejn jinsab ritenut li min jipproponi kawza irid ikollu interess u l-elementi kostituttivi ta’ dan l-interess huma li dan irid ikun (a) guridiku (b) dirett u personali (c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta’ vjolazzjoni ta’ dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f’kondizzjoni posittiva jew negattiva kuntrarja ghall-godiment ta’ dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.

“Illi il-konvenuti issottomettew illi l-awtorita attrici ressqet zewg ragunijiet li skond hi jiffurmaw l-utilita finali ta’ l-azzjoni taghha.  L-ewwel raguni hija illi l-awtorita attrici ma qablitx mal-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust  fejn qieset illi l-Awtorita bhala intrapriza, ghall-effetti u il-finijiet tal-Kapitolu 379 u ghalhekk kien jehtiegielha tressaq il-kawza odjerna sabiex tkun taf tirregola ruhha f’dan ir-rigward, u it-tieni raguni li tat kien illi bit-thassir tad-decizjoni impunjata, l-konvenuti ma jkollhom l-ebda dritt jippretendu risarciment ta’ danni minghand l-Awtorita attrici, kif fil-fatt ghamlu meta ipprezentaw kawza ta’ danni quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Illi l-konvenuti issottomettew illi fl-ewwel lok it-thassir tad-decizjoni impunjata qatt ma jista jaffettwa kwalsiasi dritt li jista jkun vestit fil-konvenuti sabiex jitolbu ir-rizarciment ta’ danni subiti minghand l-Awtorita; liema dritt huwa awtonomu u indipendenti minn dik id-decizjoni, u fit-tieni lok lanqas ma hi mehtiega din il-kawza sabiex l-Awtorita attrici taghraf tirregola ruhha fir-rigward tal-Ligi tal-Kompetizzjoni.

“Illi l-konvenuti issottomettew illi l-Awtorita attrici fl-ebda stadju ma indikat bhala l-bazi ta’ interess guridiku taghha ir-reintegrazzjoni mill-effetti tad-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, u dana peress illi illum ma hemmx aktar lok ghal din ir-reintegrazzjoni peress illi l-vetturi mertu ta’ dik id-decizjoni illum huma licenzjati u irregistrati u ghalhekk ma jistghux jitnehhew mit-triq.  Inoltre l-azzjoni attrici qeghda tiehu xejra verament dikjaratorja u kawzi dikjatarorji huma inammissibbli fl-ordinament guridiku taghna.

“Illi fit-tielet lok, il-konvenuti issottomettew illi l-azzjoni ta’ l-Awtorita attrici hija nieqsa mill-fundament guridiku peress illi l-Awtorita attrici diga irrimedjat ghall-lanjanzi taghha  kif akkolti permezz tad-decizjoni tal- Kummissjoni tal-Kummerc Gust u, di piu, irtirat kull procedura jew azzjoni minnha intavolata ghall-opposizjoni tal-inforzar tas-sentenza tal- Kummissjoni tal-Kummerc Gust.

“Illi l-konvenuti issottomettew illi l-Awtorita attrici akkwixxiet ghall-gurisdizzjoni li qeghda timpunja b’din il-kawza u b’konsegwenza irrinunzjat tacitament ghad-dritt ta’ azzjoni esperita permezz tal-kawza odjerna.

“Illi l-Awtorita attrici issottomettiet illi l-azzjoni taghha hija wahda ghall-istharrig gudizzjarju tad-decizjoni tal- Kummissjoni ghall-Kummerc Gust abbazi tal-fatt li tikkontjeni enuncazzjoni hazina u jew inkompleta tal-Ligi u ghalhekk tmur kontra l-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk tissottometti li din id-decizjoni hija ultra vires u tmur kontra il-Ligi miktuba.

“Illi l-Awtorita attrici issottomettiet illi l-azzjoni ma tistax tkun preskritta u perenta fl-istess hin kif qeghdin jikkontendu il-konvenuti. L-awtorita attrici issottomettiet illi l-azzjoni tal-konvenuti hija inammissibbli u dana peress illi l-konvenuti ma indikawx l-Artikolu tal-Ligi rilevanti u jekk ikun il-kaz is-subinciz applikabbli. Jekk dan ma isirx l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija inammissibbli.

“Illi l-Awtorita attrici issottomettiet illi l-konvenuti ma setghux jaghmlu referenza generika ghall-ahhar ghad-dritt Ingliz u jipprova japplikah ghad-dritt Malti, peress illi l-preskrizzjoni ta’ azzjoni trid tohrog b’mod specifiku u car mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi l-Awtorita attrici issottomettiet ukoll illi ma hemm l-ebda lacuna fil-Ligi Maltija f’dan ir-rigward u dana peress illi l-Qrati Maltin dejjem irritenew illi kull azzjoni hija preskritta fiz-zmien tletin sena, u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 2143 tal-Kap. 16, sa kemm il-Ligi ma tispecifikax preskrizzjoni aqsar.

“Illi l-Awtorita attrici issottomettiet illi l-azzjoni odjerna mhijiex ekwivalenti ghall-azzjoni ta’ certiorari u dana peress illi l-azzjoni ta’ certiorari tista tingieb biss “to quash a decision which is ultra vires,” filwaqt illi kif jirrikonoxxu l-istess konvenuti, l-azzjoni ghall-istharrig gudizzjarju ta’ decizjoni minn Tribunal jew organu gudizzjarju bhalma hija il-Kummissjoni tista ssir ukoll f’kaz li hemm vjolazzjoni tar-regoli ta’ gustizzja naturali jew f’kaz li d-decizjoni tmur kontra xi ligi miktuba, u ghalhekk din l-azzjoni hija differenti minn dik ta’ certiorari ghaliex hija aktar wiesgha mill-azzjoni Ingliza.

“Illi l-Awtorita attrici issottomettiet ukoll illi l-eccezzjoni illi l-azzjoni attrici hija perenta hija inammissibbli peress illi l-eccezzjoni ta’ dekadenza ghalkemm differenti hija simili ghal dik ta’ preskrizzjoni u ghaldaqstant l-istess regoli sabiex wiehed jista jeccepixxi id-dekadenza japplikaw.

“Illi dwar l-interess taghha f’din il-kawza, l-awtorita attrici issottomettiet illi wahda mir-ragunijiet il-ghaliex din l-azzjoni hija ta’ importanza ghall-Awtorita attrici hija minhabba il-fatt illi uhud mill-konvenuti fethu proceduri gudizzjarji fejn qeghdin jitolbu illi l-Awtorita tigi ikkundannata thallas danni u dan, a bazi tad-decizjoni tal- Kummissjoni, liema decizjoni hija il-mertu ta’ din il-kawza.

“Illi l-Awtorita issottomettiet ukoll illi hija tixtieq, permezz ta’ din l-azzjoni, tikkjarifika liema huma il-Ligijiet li japplikaw ghaliha peress illi hi tikkontendi li mhijiex intrapiza ai termini tal-Kap. 379 meta tkun qeghda tipprocessa applikazzjonijiet ghall-hrug ta’ licenzji, u ghaldaqstant l-Att dwar il-Kompetizzjoni ma jistax japplika ghaliha.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti fis-sens illi d-dritt amministrattiv Malti huwa ibbazat fuq id-dritt amministrattiv Ingliz, u f’dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza fil-kawza fl-ismijiet John Lowell et noe vs Onor Dr Carmelo Caruana moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta’ Awissu 1972, sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Giuseppe Sciberras vs. Housing Secretary et deciza fil-21 ta’ Lulju 1973, u sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Il-Prim Ministru et vs. Sister Luigi Dunken noe moghtija fis-26 ta’ Gunju 1980.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti taqbel illi l-azzjoni ta’ stharrig gudizzjarju hi imnizzla minn azzjoni ta stharrig gudizzjarju ikkontemplata fid-dritt amministrattiv u li l-kawzali sabiex titressaq azzjoni fil-Qrati taghna huma l-istess. (vide sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Antonio Sammut vs John Bell McChance deciza fid-29 ta’ Mejju 1946.

“Il-Qorti rat “The Report of the Committee on Administrative Tribunals and Inquiries, maghruf ahjar bhala “The Franks Report” fejn intqal :

*““Natural justice applies wherever a public body e.g. courts or administrators, exercise judicial functions. R. v. S of S, ex parte the Jockey Club, ex p the Aga Khan, demonstrates that it also applies to any other private body that makes judicial decisions affecting the legal rights of individuals, such as the Welsh Rugby Union, and statutorily empowered disciplinary bodies and regulators such as the Law Society and the Bar Council. The Human Rights Act is enforced by Judicial Review and thus extends to such quasi-public authorities. The Rules of Natural Justice are part of the common law. Certiorari is the most common remedy and is used to undo the decision of any judicial body, including the House of Lords post Pinochet, by the Queens Bench Division of the High Court. Two major principles are involved.*

***“Error of law on the face of the record***

*“Where an inferior judicial decision-making body reaches a decision on the basis of an erroneous application of law the decision is subject to judicial review and may be quashed by an order of certiorari. Certiorari is granted in respect of decisions by such bodies which are ultra vires the decision maker’s powers. However, in both situations the existence of a record may be essential to the discovery of and proof of the basis of the decision. Whilst tribunals are now subject to statutory requirements for the applicant to be provided with reasons for the tribunal’s decision a general requirement for all other public decision makers to provide reasons for their decisions, whilst perhaps desirable and essential to enable an applicant to mount a successful challenge to the legality of the decision, is not so easy to establish.”*

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti fis-sens illi l-ahjar tifsira attribwita ghall-azzjoni ta’ certiorari hija dik moghtija minn L. J. Atkin li spjega l-iskop ta’ dina l-azzjoni bhala ““wherever any body of persons having legal authority to determine questions affecting the rights of subjects, and having the duty to act judicially, act in excess of their legal authority, they are subject to the controlling jurisdiction of the King’s Bench Division exercised on these writs” (Din kienet decizjoni moghtija R. v. Electricity Commissioners ex parte London Electricity Joint Committee Co (1920) Ltd, [1924]). F’din id-decizjoni il-Qorti Ingliza qieset kemm l-azzjoni ta’ certiorari u kemm dik maghrufa bhala prohibition.

“Illi l-Qorti taqbel illi f’dan il-kaz tezisti lakuna fid-dritt amministrattiv taghna u ghalhekk ghandha issir referenza ghad-dritt amministrattiv Ingliz.

> "Illi ghalhekk il-Qorti tara illi ghandha tilqa l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Marianna Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri, Karen mizzewga Camilleri u Garden of Eden Garage Limited."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta gia` Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … tirrevoka u tannulla s-sentenza finali tat-12 ta' Mejju 2011 u minflok tichad l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni u ta' dekadenza tal-Intimati Spiteri.
>
> "Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati."

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u l-Awtorita` ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur gia` d-Direttur tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni Gusta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti sabiex:

> "… … tilqa' l-appell tal-Awtorita` rikorrenti u tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tat-12 ta' Mejju 2011 u minflok tichad l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni u ta' dekadenza tal-intimati, Spiteri."

Rat ir-risposta ta' Marianna Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri, Karen Camilleri u s-socjeta` Garden of Eden Garage Ltd, li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi l-appell tal-Awtorita` appellanti

ghandu jigi rigettat interament u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kontra l-Awtorita` appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenit esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-Awtorita` attrici qed tikkontesta decizjoni moghtija mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust fil-15 ta' Ottubru 2008, bl-allegazzjoni li dik id-decizjoni hija *ultra vires* u bbazata fuq zball tal-ligi. Il-konvenuti Spiteri et ressqu risposta ulterjuri fejn eccepew il-preskrizzjoni semestrali tal-azzjoni attrici u d-dekadenza tal-istess; ma indikaw ebda artikolu tal-ligi li fuqha bbazaw din l-eccezzjoni ulterjuri taghhom.

L-ewwel Qorti qalet li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-azzjoni ta' *certiorari* Ingliza li hi soggetta ghal preskrizzjoni ta' sitt xhur, li, fil-fehma tal-ewwel Qorti, hu applikabbli ghal Malta minhabba lakuna fid-dritt amministrattiv taghna.

Kontra din is-sentenza appellat l-Awtorita` attrici, u din il-Qorti tghid mill-ewwel li hi ma taqbilx mas-sentenza tal-ewwel Qorti. Huwa veru li d-dritt amministrattiv Malti tradizzjonalment gie ritenut li huwa bbazat fuq dak Ingliz, pero`, dan dejjem kien jghodd ghad-dritt sostantiv u mhux ghal-ligijiet ta' preskrizzjoni u r-regoli ta' procedura. L-azzjoni ta' *certiorari* tikkonsisti f'rimedju procedurali ghal xi nuqqas f'kaz li tigi kontestata decizjoni ta' korp amministrattiv jew kwazi-gudizzjarju. Il-process ta' stharrig gudizzjarju li l-qrati Maltin jistghu jwettqu fil-kors tal-ezercizzju tal-gurisdizzjoni ordinarja taghhom hija "imnissla" minn tali azzjoni Ingliza, tant li gieli l-qrati taghna jirreferu ghall-gurisprudenza Ingliza biex isostnu decizjoni taghhom, pero` l-ezercizzju tal-gurisdizzjoni mill-qrati taghna jsir fil-kuntest tal-ligi Maltija. Tali stharrig isir skont ir-regoli ta' procedura taghna, u l-principji tal-preskrizzjoni applikabbli huma dejjem u f'kull kaz regolati bil-ligi Maltija. Hu ghalhekk li l-gurisprudenza taghna <u>tinsisti</u> li min jecepixxi l-preskrizzjoni jrid jindika bil-preciz l-artikolu tal-ligi, ovvjament Maltija, li fuqha jkun qed jibbaza dik l-eccezzjoni. Ir-referenza trid f'kull kaz, issir ghal-ligi Maltija u mhux dik estera, li fuqha l-istitut jista' talvolta jkun mibni.

Jekk, ghall-azzjoni esperita, il-ligi ma tipprovdix terminu specifiku ta' preskrizzjoni, il-Qorti ma tistax tapplika perjodu preskrittiv minn ligi ohra u di piu` estera, avolja din tista' tkun simili. Jekk tezisti relazzjoni guridika li ghaliha hemm nuqqas ta' dispozizzjoni li tapplika ghaliha fil-ligi specjali, ghandha tkun regolata skont il-ligi generali.

Mhux kaz li fil-materja tezisti lakuna fil-ligi Maltija. L-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili jimponi terminu ta' 30 sena bhala preskrizzjoni ghall-*"azzjonijiet **kollha** reali, personali jew misti"* li ma jkunux milquta b'terminu aqsar. Fil-kawza **Penza et v. Busuttil**, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju 1964, gie osservat bhala principju illi:

> *"Ghar-riljev tal-appellanti fis-sens illi t-tieni parti tal-Artikolu 2263 ma tindikax liema preskrizzjoni hi applikabbli fil-kazijiet hemm kontemplati, ir-risposta s'intendi hi illi, gia` la darba m'humiex applikabbli l-preskrizzjonijiet qosra, u m'hemm ebda preskrizzjoni ohra specifikament applikabbli, bil-fors illi l-preskrizzjoni applikabbli hi dik li in generali tolqot l-azzjonijiet kollha, cioe` dik ta' 30 sena, imsemmija fl-Artikolu 2248 tal-Kodici"*

Din il-Qorti mhux qed tghid li dan l-artikolu hu applikabbli ghax mhux kompitu tal-Qorti tispekula fuq liema terminu ta' preskrizzjoni jista' jkun applikabbli ghal kaz. Li qed tghid hu li fl-ordinament guridiku Malti ma hemmx lakuna fl-istitut tal-preskrizzjoni u li dik eccepita mill-attur ma hijiex applikabbli.

Lanqas ma jista' jinghad li l-kawza hi perenta meta wkoll ma giex indikat a bazi ta' liema ligi saret dik is-sottomissjoni. Id-dekadenza ghandha effetti differenti mill-preskrizzjoni, pero` t-tnejn iridu jkunu bazati fuq terminu specifiku fil-ligi u espressament invokat (ara per ezempju, il-kawza **Cole v. Murgo** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Lulju 2003). Eccezzjonijiet ta'

preskrizzjoni u dekadenza huma meqjusa bhala odjuzi u li jkunu applikabbli restrittivament, u f'dan il-kamp il-ligi Maltija ma tikkontemplax il-possibilta` li wiehed jistrieh fuq xi ligi barranija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta gia` Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Mejju 2011 u minflok tichad iz-zewg eccezzjonijiet ulterjuri ta' preskrizzjoni u ta' dekadenza tal-konvenuti Marianna Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri, Karen Camilleri u s-socjeta` Garden of Eden Garage Ltd, bl-ispejjez kollha marbuta ma' dan l-incident, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mill-imsemmija konvenuti appellati in solidum.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------